MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 872/2009

**L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**John Bonett**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro u wiehed disghin centezmu (€2,279.91) rapprezentanti valur ta' spejjez mahruga mill-Awtorita` awtrici biex jesegwixxu l-avviz ta' Twaqqif u ta' Twettieq bin-numru ECF/460/95 bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru 2007 u bl-imghaxijiet skont il-ligi..

Ra r-risposta tal-konvenut datata l-ewwel (1) ta’ Dicembru 2009 fejn filwaqt illi ddikjara illi ma kienx qed jikkontesta r-responsabbilta`, izda kellu oggezzjoni fuq il-mod ta’ kif gew likwidati d-danni.

Sema’ ix-xhieda ta’ Hubert Cini prodott mill-Awtorita` attrici u kif ukoll ezamina d-dokumenti esebiti minn l-istess Awtorita`. Sema’ ukoll illi fis-seduta tallum Dr. Owen Bonnici ghal konvenut iddikjara illi in vista u in segwitu tax-xhieda u dokumenti esebiti fl-ahhar seduta mix-xhud Hubert Cini huwa kien jinsab inkarigat mill-klijent tieghu sabiex jammetti t-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenut jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita` awtrici s-somma mitluba ta’ elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€2,279.91) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza, u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------